# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar, 2019**

**Numru 32**

**Rikors numru 1052/12AE**

**Mario Sacco**

**v.**

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li pprezenta l-attur fid-19 ta' Ottubru, 2012 u li jaqra hekk:

"1. Ili nhar l-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u tnax (2012), l-esponenti assigura l-vettura tieghu tat-tip KIA PROCEED tas-sena (2010) bin-numru ta' registrazzjoni MAR-569, ma' l-agenzija *Fogg Insurance Agencies Limited*; (**Vide Dok A**)

"2. Illi l-polza ta' assigurazzjoni li ghazel l-esponenti ghal vettura hija wahda *comprehensive*;

“3. Illi ftit tax-xhur wara, lill-esponenti kienet insterqitlu l-vettura hawn fuq imsemmija;

“4. Illi l-esponenti mar jirraporta s-serqa lil pulizija, li sal-lum il-gurnata ghadhom ghaddejjin bl-investigazzjonijiet taghom (**Vide Dok B**);

“5. Illi l-vettura tal-esponenti ghadha ma nstabitx sal-gurnata tal-lum u lanqas il-persuna jew il-persuni li serquha;

“6. Illi l-polza ta’ assigurazzjoni tal-vettura *de quo* tkopri l-eventwalita` ta’ dan is-serq (**Vide Dok C**);

“7. Illi ghalhekk b’konsegwenza ta’ din is-serqa, l-esponenti interpella diversi drabi lill-agenzija *Fogg Insurance Agencies Limited* sabiex tersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas dovut rapprezentanti fis-somma tal-valur li kienet giet stmata l-istess vettura mill-istess agenzija, cioe` fis-somma ta’ sbatax-il elf ewro (€17,000) (**Vide Dok A u Dok D**);

“8. Illi nonostante cio, l-istess agenzija ta’ assigurazzjoni cahdet il-*claim* ta’ l-esponenti u ghaldaqstant iehor rrifjutat li tkopri u thallas lill-esponenti tali somma minhabba illi tefghet t-tort kollu fuq l-esponenti li allegat bla ebda bazi u provi illi s-serq gara ghax l-esponenti halla c-cavetta ta’ l-istess vettura go fiha u kwindi tali kaz mhux kopert ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni mahruga mill-esponenti (**Vide Dok D1, Dok D2, Dok D3 u Dok E**).

“9. Illi l-esponenti ma jistax jifhem ir-raguni ghala l-agenzija qabdet u rragunat l-kaz b’dan il-mod u fl-istess waqt jichad kategorikament tali allegazzjonijiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt mill-istess agenzija *de quo*;

“10. Illi l-pretensjonijiet ta’ l-esponenti li jigi kopert ghas-serqa tal-vettura tieghu huma validi u skond l-polza ta’ assigurazzjoni u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta’ din il-kawza;

“Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, l-esponenti jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna u tiddikjara illi:

“1. Is-socjeta` intimata *Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tal-estera Argus Insurance Company (Europe) Limited* hija responsabbli illi thallas lill-esponenti s-somma ta’ sbatax-il elf ewro (€17,000), u dan skond il-polza ta’ assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* li l-esponenti u s-socjeta` intimata ftehmu u qablu dwaru.

“2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lir-rikorrent, is-somma ta’ sbatax-il elf ewro (€17,000).

"B'riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra ghad-danni u bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-pagament effettiv dovut kontra s-socjeta`, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali tas-27 ta' April 2012 kontra s-socjeta` intimata, ingunta minn issa ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet:

"1. In linea preliminari, is-socjeta` eccipjenti tirrileva illi r-Rikors Guramentat huwa null ai termini ta' l-**Artikolu 789(d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** stante illi dan ma jinkludix id-dikjarazzjoni fis-sens illi l-attur jaf personalment il-fatti hemm dikjarati kif rikjest mill-**Artikolu 156(1)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

"2. Fis-sustanza, is-socjeta` eccipjenti tirrileva illi fis-sena 2012, hija harget polza ta' assigurazzjoni tat-tip *Comprehensive* favur il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni MAR 569, proprjeta` ta' l-attur;

"3. Illi l-attur ressaq *claim* mas-socjeta` eccipjenti dwar is-serq ta' l-imsemmija vettura tieghu liema serq allegatament sehh nhar it-23 ta' Frar 2012 meta l-istess vettura kienet allegatament ipparkeggjata gewwa Triq Mikiel Abela, Birzebbugia;

"4. Illi fil-kors ta' l-analizi tal-*claim* relattiv, is-socjeta` eccipjenti kienet talbet lill-attur sabiex jikkonsenjalha c-cwievet tal-vettura in kwistjoni, pero` dan irritorna biss cavetta wahda illi kienet fi stat tant pristin illi kjarament ma kienet qatt intuzat. B'hekk is-socjeta` eccipjenti ghandha raguni valida u serja ghaliex tissuspetta illi c-cavetta konsenjata lilha mill-attur hija l-*ispare key*;

"5. Illi meta gie avvicinat mis-socjeta` eccipjenti f'dan ir-rigward, l-attur kien inkonsistenti fil-verzjoni tieghu billi l-ewwel allega illi c-cavetta minnu kkonsenjata lis-socjeta` eccipjenti kienet dik originali, u mbaghad meta gie lilu rilevat illi, kjarament, ic-cavetta minnu kkonsenjata qatt ma kienet giet uzata, l-attur biddel il-verzjoni tieghu u ddikjara illi huwa kien tilef ic-cavetta originali u illi c-cavetta illi huwa effettivament ikkonsenja lis-socjeta` eccipjenti kienet l-*ispare key*;

"6. Illi dan jikkostitwixxi raguni valida u serja ghaliex is-socjeta` eccipjenti tissuspetta illi l-vettura ta' l-attur insterqet meta kellha c-cavetta originali go fiha, liema cirkostanzi tinvalida l-kopertura assigurattiva ai termini ta' l-eccezzjoni numru sebgha (7) kontenuta fil-pagna disgha (9) u senjatament taht il-parti intestata '*Exceptions to Section 2*' tal-Kundizzjonijiet tal-Polza ta'

Asigurazzjoni mahruga mis-socjeta` eccipjenti: '***We will not pay for the following:*** *Damage arising from theft if the ignition key or immobiliser keys of Your Vehicle have been left, even momentarily, in or on the Vehicle or if the Vehicle is left, even momentarily open or unlocked*'. Kopja ta' l-imsemmija Polza qieghda tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. RG1**;

"7. Illi l-attur, fl-ebda waqt qabel ma ressaq il-*claim* relattiv ghall-allegat kaz ta' serq, ma informa lis-socjeta` ecipjenti illi huwa kien tilef ic-cavetta originali tal-vettura assigurata u kwindi, minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, anke jekk *dato ma non concesso* kellha tigi emmnuta pienament il-verzjoni ta' l-attur illi huwa kien tilef ic-cavetta originali qabel ma sehh is-serq *de quo*, xorta wahda jirrizulta ksur tal-kundizzjoni kontenuta fil-hames (5) paragrafu tas-sezzjoni kontenuta fil-pagna erbatax (14) u senjatament taht il-parti intestata '*General Conditions*' tal-Polza (**Dok RG1**), illi tipprovdi illi ma jkunx hemm kopertura f'kaz illi l-assigurat jonqos milli jinforma lill-assiguraturi tieghu immedjatament b'tibdil fic-cirkostanzi jew f'xi fatt sostanzjali illi jista' jeffettwa l-polza. Kjarament jekk wiehed verament ikun tilef ic-cavetta originali, dan huwa tibdil fic-cirkostanzi u fatt ferm sostanzjali illi jeffettwa l-polza u l-kopertura relattiva;

"8. Illi kwindi jsegwi illi l-allegat serq tal-vettura ta' l-attur ma kienx kopert mill-polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta` eccipjenti, u kwindi l-istess eccipjenti ma tistax tigi obbligata, kemm skond il-Ligi kif ukoll skond il-polza ta' assigurazzjoni relattiva, illi tindennizza lill-attur in konnessjoni ma' tali kaz. Isegwi ghalhekk illi t-talbiet attrici ghadhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur."

Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Dicembru, 2013, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"1. Tichad l-ewwel eccezzjoni bl-ispejjez a karigu tal-kumpannija konvenuta.

"2. Tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta li kien hemm ksur tal-eccezzjoni numru sebgha (7) ta' pagna numru disgha (9) tal-kondizzjonijiet tal-Polza ta' Assigurazzjoni, u ghalhekk il-kumpannija kovenuta m'ghandha l-ebda obbligu li tindennizza lill-attur a bazi tal-polza numru 1981PRI102440. Ghalhekk tichad it-talbiet tal-attur.

"Spejjez a karigu tal-attur".

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**Kwistjoni**.

"Il-kaz jitratta dwar polza ta' assigurazzjoni comprehensive li l-attur hareg fuq il-vettura KIA Proceed bin-numru MAR 569, li allegatament insterqet fit-23 ta' Frar 2012 gewwa Triq Mikiel Abela, Birzebbugia. Il-konvenuta qeghda ssostni li l-vettura nsterqet meta kellha c-cavetta fil-vettura. Fatt li skond il-konvenuta jinvalida l-polza ta' assikurazzjoni skond l-eccezzjoni numru sebgha (7) pagna disgha (9) tal-Kundizzjonijiet tal-Polza ta' Assikurazzjoni. Dan apparti li f'kull kaz 'il fatt li meta tilef ic-cavetta l-assigurat ma gharrafx lill-assikurazzjoni b'dan wassal ghal ksur ta' kundizzjoni li l-assigurat ghandu obbligu li jgharraf lill-assikurazzjoni b'tibdil fic-cirkostanzi jew f'xi fatt sostanzjali li jistghu jeffetwaw il-polza.

"**Fatti**.

"1. Fl-1 ta' Frar 2012 harget polza ta' assikurazzjoni *comprehensive* fuq il-vettura Kia Proceed numru MAR-569.

"2. Fit-23 ta' Frar 2012 l-attur ghamel rapport fl-ghassa tal-pulizija li nsterqitlu l-vettura. Fir-rapport jinghad li l-attur qal *"[….] il-vettura kienet imsakkra u c-cavetta kienet ghandu u pparkjata tajjeb. Mario Sacco qal li m'ghandu suspett f'hadd."* (fol. 69).

"3. Fl-24 ta' Frar 2012 l-attur ghamel claim (fol. 28).

"4. L-attur xehed li c-cavetta tal-vettura kien tilifha f'Novembru 2011 waqt li kien qieghed isuq il-mutur. Spjega li c-cavetta tal-vettura kienet mac-cavetta tal-mutur; *"Sibt hofra u bqajt sejjer. Ma waqajtx imma. Kif wasalt il-Belt biex nitfi l-mutur, ma sibtx ic-cwievet. Kelli tal-mutur, jigifieri c-cavetta li kienet fl-ignition. Kelli tad-dar, tal-garaxx u tal-karozza. L-ignition baqghet on. Imma fl-ignition hole ma kien hemm l-ebda cavetta. Biex ma jkomplix jahdem il-mutur, trid taqla' c-cavetta, iddawwar ic-cavetta. Il-mutur ilu ghandi nahseb xi ghaxar snin. Din kienet l-ewwel darba li mbezqitli c-cavetta. Ilu ghandi erbatax-il sena. Jien ghalhekk kelli nbiddel l-ignition key."* (fol. 64).

"5. Permezz ta' ittra ufficjali prezentata fis-27 ta' April 2012 (fol. 26) l-attur sejjah lill-konvenuta sabiex thallsu ghat-telf li sofra bis-serq tal-vettura. It-twegiba nghatat b'ittra ufficjali tal-1 ta' Gunju 2012 (fol. 27) fejn inghad li ma kienx ser isir hlas ghaliex *"[…] illi jirrizulta illi l-allegat serq sehh meta inti hallejt ic-cavetta ta' l-istess vettura go fiha, u kwindi dan il-kaz mhux kopert ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni mahruga mill-mittenti."*.

"**Konsiderazzjonijiet**.

"B'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni l-qorti ser tillimita ruhha biex tghid li nghatat bla bzonn. 'Il fatt li persuna ma tiddikjarax li taf personalment bil-fatti dikjarati, ma twassal ghall-ebda nullita' tar-rikors guramentat. Jekk il-konvenuta xtaqet li jkollha konferma mill-attur li hu personalment jaf bil-fatti, allura setghet titlob l-intervent tal-qorti. Dan apparti li m'hemmx dubju, wara li issa nstemghu l-provi, li l-attur iddikjara fatti li hu personalment jaf. Ghalhekk l-eccezzjoni hi frivola u ser tigi michuda.

"Skond il-kondizzjonjiet tal-polza:

"i. L-assikurazzjoni ma thallasx f'kaz ta':

*"Damage arising from Theft if the ignition or immobiliser keys of Your Vehicle have been left, even momentarily, in or on the Vehicle or if the Vechile is left, even momentarily, open or unlocked."* (fol. 16)."

*"ii. "You are bound to inform Us immediately You become aware of any changes to Your circumstances which may affect this Policy or any other material facts, including (but not limited to) any change to any person insured, motoring convictions of any of the persons insured, a change of Vehicle or a change of use of the Vehicle."* (fol. 21).

"Mill-ittra ufficjali tal-1 ta' Gunju 2012 (fol. 27) u t-twegiba guramentata, ma jidhirx li l-kumpannija konvenuta qeghda tikkontesta li nsterqet. Mhu xejn facli ghall-kumpannija konvenuta li taghti prova ta' dak li qeghda tallega, cjoe' li l-vettura nsterqet meta kien fiha c-cavetta. Ghal dak li jirrigwarda xhieda dwar dak li gara fit-23 ta' Frar 2012, hemm biss il-kelma tal-attur li jinsisti li l-vettura kienet ipparkjata u msakkra u li meta rritorna mill-passiggata ma sabhiex fil-parkegg fejn kien halliha. Pero' din il-verzjoni li ta l-attur ma tikkonvinciha xejn meta tqies il-provi cirkostanzjali:-

"(a) L-attur qal li meta mar jirraporta s-serqa ghand Buttigieg Insurance Brokers Limited kien qalilhom li kien tilef wahda mic-cwievet tal-vettura. Wahda mid-domandi fil-*claim form* hi: *"Have the key/spare keys ever been misplaced or stolen ?"*. It-twegiba hi *"No"*. L-attur xehed: *"Fuq cwievet ma staqsinix imma jien kont ghidtlu kelli tnejn u wahda minnhom tlifthom. Imma* [ma] *qallix li messni mort noqghod nirraporta mal-insurane dwar it-telfien tac-cwievet.*" (seduta 15 ta' Lulju 2013). Il-qorti hi tal-fehma li jekk hu veru li l-attur qal lill-broker li kien tilef wahda mic-cwievet, fuq bazi ta' probabilita' t-twegiba ghad-domanda "*"Have the key/spare keys ever been misplaced or stolen ?"* kienet ser tkun *"Yes"* u mhux *"No"*. Id-dokument, li wara kollox hu ffirmat mill-

attur, jindika li kien biss wara li ntalab jipprezenta c-cwievet tal-vettura li hareg bil-verzjoni li kien tilef wahda mic-cwievet.

"(b) L-ispjegazzjoni li ta l-attur dwar kif tilef ic-cavetta m'hijiex kredibbli. L-attur qal: *"Gieli smajt b'kazijiet bhal dan li tinbezaqlek bl-iskoss ic-cavetta mill-ignition tal-mutur."* (fol. 65). Dikjarazzjoni li wahedha m'hijiex prova. L-attur ma ressaq l-ebda prova teknika li bi skoss cavetta tista' tinbezaq 'l barra mic-cilindru u l-magna tal-mutur xorta tibqa' tahdem. Lanqas ma tresset xi prova li kien hemm xi difett fis-sistema li wassal ghall-incident li ddeskriva l-attur.

"(c) Il-vettura kienet armata b'*immobiliser* u *alarm*, u skond hu kienet imsakkra. Spjega li kien mar passiggata Birzebbugia u ma damx iktar minn tlett kwarti.

"(d) L-attur qatt ma semma li fejn kienet ipparkjata l-vettura sab xi hgieg mal-art. Fuq bazi ta' probabilita l-access ghall-vettura moderna kellu jkun billi l-halliel ikisser wahda mit-twieqi.

"(e) L-attur ikkonferma li kien biddel is-serratura tal-bieb tad-dar, tal-garaxx u tal-mutur, izda mhux tal-vettura. Meta l-attur xehed fis-seduta 4 ta' Frar 2013 qal li kien biddel ic-cavetta tal-mutur qal *"[…] ghax cavetta wahda kelli."*. Spjega kif mar lura d-dar u gabar l-*ispare key*. B'dan ir-ragunament allura kellu jara x'jaghmel biex ikollu cavetta ohra tal-karozza, jekk verament tilef il-mazz cwievet. Pero' ammetta li: *"Qatt ma mort biex niccekja ghand l-agent kemm kienet tigini biex naghmel cavetta gdida."* (fol. 67). 'Il fatt li qal li pprezuma li biex ibiddel ic-cavetta kienet ser tigih spiza, m'hijiex spjegazzjoni sufficjenti ghalfejn ghallinqas ma vverifikax x'kienet l-ispiza. Dan meta ghamel enfazi kemm kienu jiehu hsieb il-vettura u ftit li xejn kien juzaha. Ghall-qorti m'huwiex bizzejjed li l-attur ighid: *"Jiena ma gitnix go rasi li mmur nitkellem ghand l-agent tal-vettura minn fejn xtrajtha biex nara kemm tiswa cavetta gdida u x'nista' naghmel jekk ma nixtrix lock gdid."* (fol. 66). Dan apparti 'l fatt li m'huwiex agir ta' assigurat prudenti u diligenti li kellu d-dmir li jipprevjeni kontra kull possibilita' ta' serq, irrispettivament kemm kien remot li jsehh. Agir li fil-fehma tal-qorti m'huwiex dak ta' *bonus paterfamilias* gialadarba deliberament ghazel li ma jarax x'jista' jsir biex. Fil-fatt wahda mill-kondizzjonijiet tal-polza huma fis-sens li: *"You and any person making a claim under this Policy must take all reasonable steps to safeguard Your Vehicle from Damage or Theft and to maintain the Vehicle in roadworthy and efficient condition……"* (fol. 21).

"Il-qorti ma temminx li l-attur ma tax ic-cavetta tal-vettura minhabba li kien tilifha waqt li kien ghaddej fuq il-mutur fi triqtu lejn il-Belt. Bejn iz-zewg verzjonjiet il-qorti tqies li dik li tat il-konvenuta hi l-iktar wahda kredibbli, cjoe' li jekk il-vettura verament insterqet kif qal l-attur, dan

kien minhabba li halla c-cavetta fil-karozza jew ghaliex halliha miftuha[1]. L-attur ibbaza t-talba ghall-hlas fuq il-polza ta' assikurazzjoni u l-kundizzjonijiet taghha li hu stess ipprezenta mar-rikors guramentat. L-istess polza li a bazi taghha qieghed jitlob il-hlas taghmilha cara li ma jsirx hlas fir-rigward ta':-

> *"Damage arising from Theft if the ignition or immobiliser keys of Your Vehicle have been left, even momentarily, in or on the Vehicle or if the Vehicle is left, even momentarily, open or unlocked."* (fol. 16).".

"Ovvjament l-attur ma jistax jinvoka l-polza u l-kondizzjonijiet taghha ghal dak li jaqbillu u jinsa l-kumplament billi jghid li qatt ma gie nfurmat bil-kontenut. Kien id-dmir tieghu li jistaqsi u jkun jaf ghalxiex qieghed jiffirma.

"Il-kuntratt ta' assikurazzjnoi jorbot lill-partijiet. Dan ifisser li l-attur m'huwiex intitolat jitlob il-hlas minghand il-kumpannija konvenuta ghat-telf li garrab."

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "Tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi (1) tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti fejn dina dikjarat illi l-ewwel eccezzjoni mressqa mis-socjeta` appellata kienet wahda frivola w ghalhekk kellha tbati l-ispejjez taghha, u (2) thassar u tirrevoka s-sentenza appellata nkwantu fil-kumplament taghha ossia fejn ddecidiet illi l-appellant ma ghandux dritt li jkun indennizzat a bazi tal-polza u minflok tiddeciedi li s-socjeta` appellanti hija responsabbli ghall-hlas ta' ndenniz abazi tal-polza ta' assikurazzjoni numru 1981PRI102440 u tikkundannaha thallas is-somma pattwita bejn l-partijiet ta' sbatax-il elf ewro (Euro 17,000) in lenia tat-telfien li l-appellant sofra bhala konsegwenza tas-serq tal-vettura tieghu."

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti:

[1] *"L-orjentament gurisprudenzjali hu li fejn persuna thalli c-cavetta fl-ignition u din tinsteraq hu jigi li kkontribwixxa ghas-serq taghha. Ara f'dan is-sens "**Paul Abela et nomine -vs- Annunziato Xuereb**", Appell Kummercjali, 11 ta' Jannar, 1989, "**RAB Limited -vs- Christopher Spiteri**", Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, 27 ta' Frar, 2008 u "**Merlin International Ltd -vs- Mauro Anastasi et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 15 ta' Dicembru, 2005 per Imhallef Tonio Mallia"* (Qorti tal-Appell (Inferjuri) Imhallef P. Sciberras, **John Calleja et vs Middle Sea Insurance plc** deciza fit-30 ta' Ottubru 2009).

> "Illi l-aggravju ta' l-appellanti ghandu jigi michud u kwindi t-talbiet kontenuti fir-Rikors ta' l-Appell ta' l-appellanti ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi l-attur huwa proprjetarju ta' karozza tat-tip Kia Proceed bin-numru ta' registrazzjoni MAR-569; din il-vettura kienet inxurjata *comprehensive* mas-socjeta` konvenuta. Tnejn u ghoxrin jum wara li harget il-polza ta' assigurazzjoni, l-attur ghamel rapport mal-Pulizija li l-vettura insterqitlu u *claim* mas-socjeta` konvenuta ghar-rimbors. Is-socjeta` konvenuta ma tridx thallas kumpens peress illi tissottometti illi jekk il-vettura veru insterqet dan kien ghax l-attur halla c-cavetta fl-*ignition* tal-vettura bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza. L-attur kellu l-*ispare key* f'idejh, izda qal li kien tilef ic-cavetta originali tal-vettura waqt li kien qed isuq mutur.

L-ewwel Qorti, wara li semghet il-provi, naqset milli taghti kredibilita` lill-attur u cahdet it-talba tieghu.

L-attur appella u baqa' isostni l-veracita` tal-allegazzjoni tieghu li l-vettura insterqet waqt li kienet ipparkjata gewwa Birzebbugia.

Din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti, bhall-ewwel Qorti, ma tasalx li temmen il-verzjoni tal-attur. Din il-kawza hija bazata fuq apprezzament tal-fatti tal-kaz, u fil-principju, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk il-konkluzjoni raggunta tkun wahda li dik il-Qorti setghet tasal ghaliha u tkun ragjonevoli. F'dan il-kaz, din il-Qorti, kif inghad, ezaminat hi wkoll l-atti w assolutament ma ssib xejn xi jwassalha tiddisturba l-apprezzament korrett tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti.

L-istorja ta' kif tilef ic-cavetta originali tal-vettura hi fiha nfisha suspettuza. Tajjeb li jinghad li meta ghamel il-*claim*, l-attur ghall-ewwel ma qalx li kien tilef ic-cavetta, izda ressaq l-*ispare key* bhala c-cavetta tal-vettura li qal li nsterqitlu. Kien biss meta ingibditlu l-attenzjoni li dik ic-cavetta ma kienx jidher li kienet uzata li qal li tilef dik l-originali. Inoltre meta, rraporta s-serqa, mela formola ghand il-*brokers* (li huma l-agenti tal-assigurat) u ghal domanda specifika jekk tilifx jew kellux cavetta misruqa, wiegeb li le. Hekk ukoll, meta rraporta s-serqa tal-karozza lill-Pulizija, ma qalilhomx li kien tilef ic-cavetta taghha ftit qabel.

Anke l-mod ta' kif allegatament tilef ic-cavetta tal-vettura tidher inverosimili. Hu qal li kien qed isuq il-mutur u ha skoss meta sab hofra. Bl-iskoss, ic-cavetta li kellu fl-*ignition* tal-mutur (li trid iddawwarha biex titfi l-mutur u taqlahha) imbezqet u waqghet x'imkien fl-art; hu ma ndunax u baqa' isuq sal-Belt. Mac-cavetta tal-mutur kellu c-cavetta tal-vettura u tad-dar u tal-garaxx. F'erbatax-il sena li kien ilu ghandu l-mutur, din l-ewwel darba li gratlu. Hu jghid li ma rrapurtax dan il-fatt lis-socjeta` assiguratrici (ghalkemm kellu obbligu jaghmel dan). Il-vettura tieghu kienet armata b'*immobiliser* u *alarm* (ammissjoni tieghu), u jghid li forsi il-karozza insterqet wara li inkisret xi hgiega u giet irmunkata, izda fejn allegatament insterqet ma sabx hgieg mal-art.

Kif osservat l-ewwel Qorti, l-attur ma ppruvax, bi prova teknika, li c-cavetta ta' mutur setghet, bi skoss relattivament zghir (kieku kien kbir, il-probabilita` hi li l-attur kien jinqaleb), iddur u tinqala'u l-mutur jibqa' ghaddej. Jghid ukoll li biddel ic-cwievet tad-dar u l-garaxx, pero`, ma ressaqx prova ta' dan, u inoltre ma hax hsieb jipprova jakkwista cavetta ohra ghall-vettura.

Kollox ma kollox, din il-Qorti tara li jew il-karozza mhux veru insterqitlu jew li meta mar ghall-passiggata gewwa Birzebbugia halla c-cavetta fl-*ignition*, cirkostanzi li jiggustifikaw in-nuqqas ta' hlas ta' kumpens mis-socjeta` konvenuta.

Ghal bqija, dina l-Qorti tirreferi ghall-analizi tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti li, kif inghad, kienet wahda korretta u bis-sens.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tichad l-istess u tikkonferma in toto s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-attur appellant, u peress li tqis dan l-appell bhala wiehed fieragh u vessatorju, tikkundanna lill-appellant sabiex, ai termini tal-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, ihallas ukoll, bhala spejjez addizzjonali, is-somma ta' elf ewro (€1,000) lir-Registratur tal-Qrati.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr